**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 t'Ottubru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Doriette Cuschieri**

**Vs**

**Antoine Agius**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Antoine Agius ta' 50 sena, bin il-mejjet Saviour u Emanuela nee' Caruana, imwieled Attard, fit-23 t'Awwissu 1965, residenti 6, St. Philip, Misrah Muxi, Zebbug, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 460265(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2011 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1) B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sbiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), bi hsara tal-VAT Department u/jew id-Dwana ta' Malta u/jew il-Gvern Centrali ta' Malta;

2) Talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

3) U aktar talli ghamel xi dikjarazzjoni jew issottometta xi dokument jew informazzjoni li, bid-dehen tieghu, tkun falza f'dettall sostanzjali, jew b'mod bla kont ghamel dikjarazzjoni li tkun falza f'dettall sostanzjali, jew xjentement jewb'negligenza ghamel jew ta, jew kien kagun li ssir jew tinghata, xi dikjarazzjoni, dokument jew informazzjoni lid-Direttur Generali tad-Dwana li ma tkunx veru f'xi dettall materjali;

4) Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta ta' llum stess, fejn il-partijiet qablu li gia' kien hemm kundanna amministrattiva fil-konfront tal-imputat ghal dawn l-istess fatti mertu ta' din il-kawza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-partijiet qablu li l-mertu ta' din il-kawza diga' kien soggett ghal penali amministrattiva min-naha tad-Dipartiment in kwistjoni. Illi ghalhekk, id-difiza ssollevat l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, peress illi l-imputat ma jistax ighaddi in gudikat darbtejn ghall-istess fatt. In vista ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti taqbel li l-procedura ta' penali amministrattiva hija wkoll process kwazi gudizzjarju b'effetti kwazi penali, u ghalhekk hi tal-fehma li l-eccezzjoni tad-difiza timmerita li tintlaqa'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 188, 308, 309 i 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikolu 62(m) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberah minnhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**